

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 4.10.2010
KUMM(2010) 540 finali

2010/0269 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni 2007/441/KE li tawtorizza lir-Repubblika Taljana biex tapplika miżuri miżuri ta' deroga mill-Artikoli 26(1)(a) u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Ir-raġunijiet u l-għanijiet tal-proposta

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (minn hawn 'il quddiem 'id-Direttiva dwar il-VAT'), il-Kunsill, li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru li japplika miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva, sabiex jissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew sabiex jippreveni ċerti tipi ta' evażjoni jew evitar tat-taxxa.

Permezz ta' ittra rreġistrata mas-Segretarjat-Ġenerali tal-Kummissjoni fit-18 ta' Frar 2010, ir-Repubblika Taljana talbet l-awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika miżura ta' deroga dwar id-dritt għal tnaqqis tal-VAT fuq ċerti tipi ta' mezzi tat-trasport. B'konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra, permezz ta' ittra datata t-13 ta' Lulju 2010, bit-talba tar-Repubblika Taljana. Permezz ta' ittra datata l-15 ta' Lulju 2010, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Repubblika Taljana li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.

Il-Kuntest ġenerali

L-Artikolu 168 tad-Direttiva tal-VAT jistipula li persuna taxxabbli hija intitolata li tnaqqas il-VAT dovuta minn fuq xiri ta' merkanzija għall-iskopijiet tat-tranżazzjonijiet taxxabbli tagħha Fl-istess ħin, l-Artikolu 26(1)(a) tad-Direttiva tal-VAT jistipula li l-użu tal-oġġetti, li jagħmlu parti mill-assi ta' negozju, għal skopijiet privati għandu jġi kkunsidrat bħala forniment ta' servizzi għal kunsiderazzjoni jekk il-VAT fuq dawn l-oġġetti tkun tnaqqset bis-sħiħ jew parzjalment. Bħala riżultat, is-sistema tiżgura li għandha titħallas it-taxxa fuq il-konsum finali meta l-VAT ta' dħul tnaqset fil-bidu.

Fir-rigward ta' vetturi bil-magna, xi drabi huwa diffiċili u ta' piż amministrattiv biex il-persuna taxxabbli tidentifika u tirreġistra d-differenza bejn użu għan-negozju u użu privat u biex l-amministraxxjoni tat-taxxa tivverifika t-tqassim effettiv tal-użu. Minħabba l-għadd kbir ta' vetturi b'użu differenti, l-evażjoni tat-taxxa tista' tkun konsiderevoli.

Sabiex il-ġbir tal-VAT ikun simplifikat u biex tkompli fil-ġlieda tagħha kontra l-evażjoni tat-taxxa, ir-Repubblika Taljana talbet u kisbet mill-Kunsill, deroga individwali li permezz tagħha tista' tillimita d-dritt għal tnaqqis sa 40% fir-rigward ta' vetturi tat-triq bil-magna (minn barra tratturi tal-agrikoltura u l-forestrija, li normalment jintużaw għat-trasport tal-persuni jew tal-oġġetti fuq it-toroq, b'piż massimu awtorizzat li ma jaqbiżx 3 500 kilogramma u li ma jesgħux aktar minn tmien postijiet, barra l-post tax-xufier.)¹ Madanakollu, wieħed għandu jinnota li ċerti kategoriji ta' vetturi ġew esklużi minn din il-limitazzjoni, bħal vetturi li jagħmlu parti mill-istokk ta' merkanzija, li jintużaw għal istruzzjoni minn skejjel tas-sewqan, li

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/441/KE tat- 18 ta' Ġunju 2007 li tawtorizza lir-Repubblika Taljana sabiex tapplika miżuri ta' deroga mill-Artikoli 26(1)(a) u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 165, 27.6.2007, p. 33).

jintużaw għal kiri jew kiri fit-tul u li jintużaw minn rappreżentanti li jieħdu ħsieb il-bejgħ u taxis. Fl-istess ħin, ma jkunx meħtieġ aktar li n-negożji jżommu kont tal-użu privat għal raġunijiet ta' taxxa.

B'konformità mal-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni msemmija hawn fuq, ir-Repubblika Taljana ppreżentat rapport li jkopri l-ewwel sentejn tal-applikazzjoni ta' dik id-Deċiżjoni li jinkludi reviżjoni tal-persentaġġ tar-restrizzjoni.

Mill-informazzjoni pprovduta mir-Repubblika Taljana f'dak ir-rapport jidher li, b'mod partikolari minħabba l-għadd kbir ta' impriżi żgħar fir-Repubblika Taljana, il-limitu ta' 40% xorta waħda se jkun qiegħed jikkorrispondi għaċ-ċirkostanzi attwali u għalhekk huwa xieraq.

Madanakollu, kwalunkwe estensjoni għandha tkun limitata fil-ħin biex ikun jista' jiġi evalwat jekk il-kundizzjonijiet, li fuqhom hija bbażata d-deroga, ikunux għadhom validi. Għalhekk, huwa propost li d-deroga tkun estiża sal-aħħar tal-2013 u li għandha ssir talba lir-Repubblika Taljana biex tippreżenta rapport ġdid fil-każ li tkun prevista talba ta' estensjoni ġdida wara dik id-data aħħarija. F'kwalunkwe każ, id-Deċiżjoni tiskadi jekk ir-regoli tal-UE li qegħdin jirregolaw ir-restrizzjonijiet dwar id-dritt ta' tnaqqis f'dan il-qasam ikunu daħlu fis-seħħ qabel dik id-data aħħarija.

Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

L-Artikolu 176 tad-Direttiva tal-VAT jistipula li l-Kunsill għandu jiddetermina l-infiq li minnu ma tistax titnaqqas il-VAT. Sa ma jasal dan iż-żmien, l-Istati Membri huma awtorizzati li jżommu l-eżenzjonijiet li kienu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1979. Għaldaqstant, hemm għadd ta' dispożizzjonijiet li jllimitaw id-dritt ta' tnaqqis marbut mal-vetturi bil-magna. Barra min hekk, restrizzjonijiet dwar tnaqqis simili ngħataw wkoll lil Stati Membri oħra fuq il-bażi tal-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

Fl-2004, il-Kummissjoni ħejjiet proposta² li fiha kien hemm regoli li bihom forom ta' nfiq jistgħu jkunu soġġetti għal restrizzjoni dwar id-dritt għal tnaqqis, iżda l-Kunsill għad ma rnexxilux jilħaq ftehim dwar dik il-proposta.

Il-konsistenza mal-bqija tal-politiki u l-għanijiet tal-Unjoni

Mhux applikabbli.

IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Mhux rilevanti.

Il-ġbir u l-użu tal-kompetenzi

Ma kienx hemm bżonn ta' kompetenza esterna.

Stima tal-impatt

² COM (2004) 728 finali (ĠU C 24, 29.1.2005, p. 10).

L-għan ta' din il-proposta huwa li jindirizza l-evalazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud u li jissimplifika l-proċedura tal-intaxxar, u għaldaqstant għandu impatt potenzjonali pożittiv.

Minħabba l-ambitu strett tad-deroga u l-applikazzjoni limitata fiż-żmien, l-impatt, fi kwalunkwe każ, se jkun limitat .

L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Is-sinteżi tal-azzjoni proposta

Awtorizzazzjoni biex ir-Repubblika Taljana tkun tista' tkompli tapplika miżura miżuri ta' deroga mid-Direttiva tal-VAT biex tillimita għal 40% d-dritt ta' persuna taxxabbli li tnaqqas il-VAT fuq l-infiq marbut ma' vetturi bil-mutur fejn il-vettura ma tintużax esklussivament għal skopijiet ta' negozju. Meta d-dritt għal tnaqqis ikun għe limitat, il-persuna taxxabbli ma jkollhiex għalfejn toħroġ il-kontabbiltà tal-VAT fuq l-użu privat. Kwanlunkwe talba għal estenzjoni possibbli tal-miżura għandha tkun akkumpanjata minn sottomissjoni ta' rapport dwar l-applikazzjoni tad-deroga.

Il-bażi legali

L-Artikolu 395 tad-Direttiva dwar il-VAT 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud.

Il-Prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-istituzzjonijiet tal-UE. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà għaldaqstant ma jgħoddx.

Il-Prinċipju tal-proporzjonalità

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità għar-raġuni(jiet) li ġejja(in).

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru wara talba li għamel hu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Minħabba l-ambitu limitat tad-deroga, il-miżura speċjali hija proporzjonata mal-għan mixtieq.

L-għażla tal-istrumenti

L-istrumenti proposti: Deċiżjoni.

Mezzi oħra ma jkunux xierqa għar-raġuni(jiet) ta' hawn taħt.

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva dwar il-VAT, deroga mir-regoli komuni tal-VAT hija possibbli biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill waqt li qiegħed jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni. Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill hija l-aktar strument adattat ladarba tista' tiġi indirizzata lill-Istati Membri individwali.

L-IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

TAGĦRIF ADDIZZJONALI

Klawżola ta' analiżi/reviżjoni/terminazzjoni awtomatika

Il-proposta tinkludi klawżola ta' valutazzjoni u klawżola ta' sospensjoni awtomatika.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni 2007/441/KE li tawtorizza lir-Repubblika Taljana biex tapplika miżuri ta' deroga mill-Artikoli 26(1)(a) u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud³, u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Permezz ta' ittra rreġistrata mas-Segretarjat-Ġenerali tal-Kummissjoni fit-18 ta' Frar 2010, l-Italja talbet l-awtorizzazzjoni biex testendi miżura ta' deroga mill-Artikolu 26 (1)(a) u mill-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE sabiex tkun tista' tkompli tirristriġi d-dritt għal tnaqqis fejn jidħlu l-ispejjeż fuq ċerti vetturi tat-triq bil-magna li ma jintużawx biss għal skopijiet ta' negozju.
- (2) Permezz tal-ittra datata t-13 ta' Lulju 2010, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba tal-Italja. Permezz ta' ittra datata l-15 ta' Lulju 2010, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Italja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/441/KE tat-18 ta' Ġunju 2007 li tawtorizza lir-Repubblika Taljana sabiex tapplika miżuri ta' deroga mill-Artikoli 26(1)(a) u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud⁴, tawtorizza l-Italja biex tillimita d-dritt ta' tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) dovuta fuq infiq marbut ma' vetturi tat-triq bil-magna li ma jintużawx biss għal skopijiet ta' negozju, għal 40%. Id-Deċiżjoni 2007/441/KE tistipula wkoll li l-użu għal skopijiet privati ta' daww il-vetturi li ġew soġġetti għal dritt ta' tnaqqis skont dik id-Deċiżjoni ma jistax jiġi kkunsidrat bħala forniment ta' servizzi għall-konsiderazzjoni. Id-Deċiżjoni 2007/441/KE fiha wkoll definizzjonijiet tal-vetturi u tal-infiq inklużi fl-ambitu ta' dik id-Deċiżjoni u lista ta' vetturi li ġew espliċitament esklużi mill-iskop ta' dik id-Deċiżjoni.

³ ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

⁴ ĠU L 165, 27.6.2007, p. 33.

- (4) B'konformità mal-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni 2007/441/KE, l-Italja ssottomettiet rapport lill-Kummissjoni li jkopri l-ewwel sentejn tal-applikazzjoni ta' dik id-Deċiżjoni u li jinkludi reviżjoni tal-persentaġġ tar-restrizzjoni. L-informazzjoni pprovduta mill-Italja turi li r-restrizzjoni tad-dritt għal tnaqqis, għal 40%, xorta waħda jikkorrispondi għal ċirkustanzi attwali fir-rigward ta' użu kummerċjali u użu mhux kummerċjali tal-vetturi kkonċernati Għalhekk l-Italja għandha tkun awtorizzata biex tapplika l-miżura matul perjodu limitat ulterjuri, sal-31 ta' Diċembru 2013.
- (5) Fil-każ li l-Italja tikkunsidra estensjoni ulterjuri lil hinn mill-2013, għandu jitressaq rapport ġdid lill-Kummissjoni flimkien ma' dik it-talba għal estensjoni, mhux aktar tard mill-1 ta' April 2013.
- (6) Fid-29 ta' Ottubbru 2004, il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 77/388/KEE bl-għan li jiġu ssimplifikati l-obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud⁵ Il-miżuri ta' deroga previsti f'din id-Deċiżjoni għandhom jiskadu fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' tali Direttiva li temenda, jekk dik id-data tasal qabel id-data ta' skadenza prevista f'din id-Deċiżjoni.
- (7) Id-deroga ma għandha l-ebda impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jirriżultaw mill-ġbir tat-taxxa fuq il-valur miżjud.
- (8) Id-Deċiżjoni 2007/441/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2007/441/KE tiġi emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 6 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 6

Kwalunkwe talba għal estensjoni tal-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni għandhom ikunu sottomessi lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-1 ta' April 2013.

Kwalunkwe talba għal estensjoni ta' dawk il-miżuri għandhom ikunu akkumpanjati minn rapport li jinkludi reviżjoni tar-restrizzjoni tal-persentaġġ fuq id-dritt għal tnaqqis tal-VAT dovut dwar infiq fuq vetturi tat-triq bil-magna li ma jintużawx biss għal skopijiet kummerċjali.

- (2) L-Artikolu 7 jinbidel b'dan li ġej:

⁵ COM(2004) 728 final.

“Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni tiskadi fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' regoli tal-Unjoni li jiddeterminaw l-infiq marbut mal-vetturi bil-magna li m'għandux ikun eliġibbli għal tnaqqis totali tat-taxxa fuq il-valur miżjud, u tiskadi l-iktar tard fil-31 ta' Diċembru 2013.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2011.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*